



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14460/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0330(NLE)

TRANS 689
COWEB 146
ELARG 97

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward ta' ċerti tibdiliet għar-regoli amministrattivi u tal-persunal u tal-introduzzjoni ta' benefiċċju għall-edukazzjoni u ta' regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../2022

ta'

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
fir-rigward ta' ċerti tibdiliet għar-regoli amministrattivi u
tal-persunal u tal-introduzzjoni ta' benefiċċju għall-edukazzjoni u
ta' regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-“TCT”) ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937¹.
- (2) It-TCT ġie approvat f'isem l-Unjoni fl-4 ta' Marzu 2019² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.
- (3) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit mit-TCT għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tajba tat-TCT.
- (4) Huwa previst li l-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jadotta deċiżjonijiet dwar emendi għad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tiegħu, dwar regoli dwar il-benefiċċji għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u dwar regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment, rispettivament.
- (5) Billi tali deċiżjonijiet huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali fir-rigward tal-adozzjoni tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tad-deċiżjonijiet li jemendaw id-Deċiżjoni Nru 2019/3 fir-rigward tar-regoli dwar il-benefiċċji għall-edukazzjoni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u regoli dwar is-sekondar u l-esperti kkuntrattati lokalment, rispettivament, għandha tkun imsejsa fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdiliet minuri fl-abbozzi tad-deċiżjonijiet jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
